MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2002

Numru 312/2002

Il-Pulizija(Spettur Mario Bonello)
vsEmmanule Borg

Il-Qorti,Rat l-akkuzi kontra Emmanuele Borg ta' 42 sena bin Alfred u Maria nee' Grech imwieled B'Kara fit-8 ta' Ottubru 1959 u joqghod Manlil, 23B, Triq id-Duka ta' Edibgurgh, Hamrun li ghandu karta tal-identita' numru 689059(M) talli f'dawn il-Gzejjer matul is-sena 1999 u fis-snin ta' qabel fil-fond Manlill, 23 B Triq id-Duka ta' Edinburgh, Hamrun bhala detentur tal-imsemmi fond jew bhala l-persuna illi kellu f'idejh l-imsemmi fond b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ikkommetta serq ta' kurrent ta' l-elettriku li jammonta ghall aktar minn mitt lira Maltin (LM100) izda anqas minn hames mitt lira Maltin (LM500) ghad-dannu tal-Koperazzjoni Enemalta liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u ammont.

Ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel hsara jew kisser xi parti mill-arlogg ta' l-elettriku jew is-sigilli tieghu

jew xi parti minn xi apparat jew sigilli tieghu jew gumi wzati fil-provista ta’ l-elettriku jew is-siggilli tieghu.

Il-Qorti kienet mitluba li minbarra il-piena sabiex taplika wkoll l-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jammetti l-akkuza.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotta.

Rat l-Artikolu 261(b) (f) (c), 264, 267, 270, 278 (2), 279 (a), 280, 326 (c), 17 tal-Kap 9 tiddecidi li tilliberah taht l-Artikolu 9 tal-Kap 152 ghall-xahar mill-lum.

Rat l-Artikolu 11 tal-istess Kap 152 u tobbliga lil-imputat li jhallas lill-Korporazzjoni Enemalta jew is-succesuri tieghu jew lill-Korporazzjoni tal-Water Services, jew minn minnhom, is-somma ta’ Lm300 dan zmien mhux aktar tard ta’ sitt xhur mill-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------